# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 21 ta' Mejju, 2025

**RIK NRU : 96/2024ISB**

**Fl-atti tar-Rikors ta' Koala Group Limited (C-80115) u ta' Phoneparts Limited (C-80117)**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GĦAR-RIKORS TA' CHARLES ZAMMIT U CLINT ABELA TAT-30 TA' APRIL 2025**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-Rikors** ta' Charles Zammit u Clint Abela tat-30 ta' April 2025 u li permezz tiegħu, għar-raġunijiet minnhom hemmhekk elenkati, huma talbu illi *bħala vittmi tal-istess abbuż u bħala l-persuni illi dwarhom hemm sensiela sħiħa ta' allegazzjonijiet foloz fl-istess rikors, għandhom kull interess illi jintervjenu f'dawn il-proceduri u għalhekk talbu illi jiġu kjamati in kawza ħalli jkunu parti mill-istess proceduri*.

Rat **ir-Risposta** tas-soċjetajiet rikorrenti Koala Group Limited u Phoneparts Limited tal-14 ta' Mejju 2025 u li permezz tagħha, jikkontendu illi r-rikors huwa rritu u null peress illi ġie ppreżentat tardivament, u fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ, illi it-talba hija mproponibbli u għandha tiġi miċħuda peress illi r-rikorrenti qegħdin jitlobu il-kjamat in kawża tagħhom stess. Fit-tielet u l-aħħar lok, is-soċjetajiet rikorrenti jikkontendu illi ma jeżistux raġunijiet validi għaliex għandha tintlaqa' t-talba ta' Charles Zammit u Clint Abela, fl-ewwel lok għaliex hemm qbil illi huma ma rriżenjawx minn diretturi minn rajhom, fit-tieni lok għalhiex il-kumpaniji kellhom kull dritt fil-liġi illi jneħħu id-diretturi u jappuntaw oħrajn, u fit-tielet lok peress illi t-talba fil-mertu tal-kawża hija biss dik illi l-Qorti tawtorizza korrezzjoni fil-formoli sottomessi lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2025, kien deher l-Avukat Kris Borg u kien għarraf lill-Qorti illi fil-ġranet sussegwenti huwa kellu jintavola rikors f'isem Clint Abela u Charles Zammit, azzjonisti tal-kumpannija rikorrenti Koala Group Limited, sabiex jingħataw <u>il-permess jintervjenu</u> f'dan il-proċeduri.

Illi l-Qorti tat gimgħatejn żmien għall-preżentata tar-rikors, bin-notifika lid-difensur tas-soċjetajiet rikorrenti bi żmien sabiex jirrispondu, u l-Qorti rriżervat illi tiddegreta *in camera* dwar l-istess, kif fil-fatt qed isir illum.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi sabiex tiġi trattata l-ewwel parti tar-risposta tas-soċjetajiet Koala Group Limited u Phoneparts Limited, fejn jikkontendu illi r-rikors hawnhekk deċiż huwa **<u>irritu u null</u>** peress illi sar b'mod tardiv, il-Qorti tinnota illi huwa minnu illi gimgħatejn żmien mid-data tas-seduta msemmija kien ifisser illi sat-23 ta' April 2025 kien mistenni illi jkun intavolat ir-rikors, daqs kemm huwa minnu illi r-rikors odjern ġie ntavolat fit-30 ta' April 2025.

B'dana kollu, il-Qorti trid tagħmilha ċara illi t-terminu minnha stess prefiss fis-seduta kien intiż biss sabiex il-kawża tkun ben stradata u ma jkunx hemm ħin moħli minn seduta għall-oħra, proprju biex jiġi assikurat, ġja la darba saret id-dikjarazzjoni fuq msemmija fl-awla miftuħa, illi sad-differiment illi jmiss, din il-kwisjtoni ta' possibbli intervenuti fil-kawża tkun

sorvolata u deċiża, proprju ukoll sabiex ma jinħeliex ħin tenut kont ukoll illi, ġiustament, id-difensur tas-soċjetajiet rikorrenti rriżerva illi jiddikjara l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' xi provi fadal jressaq biss wara illi tkun determinata din it-talba.

Il-Qorti trid tosserva illi d-dritt ta' individwu illi jressaq talba sabiex jintervjeni fi proċeduri pendenti, kif mogħtija bl-Artikolu 960 tal-KAP 12, mhix marbuta b'termini, u anzi, l-imsemmi artikolu jgħid espressament illi talba għall-intervent f'kawża jista' jsir *f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell*. Ċertament għalhekk illi din il-Qorti qatt ma kellha xi ħsieb illi timponi xi termini perentorju sabiex isir dan, u filwaqt illi huwa dejjem desiderabbli illi termini miftehma bejn il-partijiet u l-Qorti jkunu rispettati, b'dana kollu, bħal fil-każ odjern, in-nuqqas ta' żamma ta' tali terminu ma għandu u ma jista' jkollu ebda riperkussjonijiet fatali kif jippretendu s-soċjetajiet rikorrenti.

Huwa għalhekk illi din l-ewwel parti tar-risposta tas-soċjetajiet rikorrenti ser tiġi riġettata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment :**

In kwantu għat-tieni bażi mogħtija mill-istess soċjetajiet rikorrenti għaliex din il-Qorti għandha tiċħad it-talba, u allura illi **<u>t-talba hija mproponibbli u dan peress illi r-rikorrenti qegħdin jitlobu il-kjamat in kawża tagħhom stess</u>**, il-Qorti tqis illi filwaqt illi huwa minnhu illi l-aħħar paragrafu, u allura it-talba *per se* hija dik illi Charles Zammit u Clint Abela jiġu kjamati in kawża, b'danakollu huwa bil-ferm u bil-wisq evidenti illi dan huwa żball fid-*drafting* tat-talba.

Dan qed jingħad peress illi waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2025, id-dikjarazzjoni kienet ċara kristall – *rikors f'isem Clint Abela u Charles Zammit …… sabiex jingħataw permess <u>jintervjenu</u> f'dawn il-proċeduri*.

Daqstant ieħor ċar il-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tal-istess rikors hawnekk deċiż, fejn jingħad illi *għandhom kull interess illi <u>jintervjenu</u> f'dan il-proċeduri*.

Huwa għalhekk illi din il-qorti ser tgħaddi biex tiskarta ukoll din it-tieni raġuni mogħtija fir-risposta u ser tqis t-talba bħala waħda sabiex ir-rikorrenti Clint Abela u Charles Zammit jintervjenu f'dan il-kawża *in statu et terminis*, tant illi l-konsiderazzjonijiet li jifdal ser ikunu qed isiru f'dan l-isfond.

**Ikkunsidrat Ulterjorment :**

Jifdal għalhekk illi l-Qorti tistħarreg issa t-tielet raġuni mogħtija mis-soċjetajiet rikorrenti dwar għaliex it-talba għandha tiġi miċħuda. Is-soċjetajiet rikorrenti jikkontendu illi ma jeżistux raġunijiet validi għaliex għandha tintlaqa' t-talba ta' Charles Zammit u Clint Abela, (a) fl-ewwel lok għaliex hemm qbil illi huma ma rriżenjawx minn diretturi minn rajhom, (b) fit-tieni lok għaliex il-kumpaniji kellhom kull dritt fil-liġi illi jneħħu d-diretturi u jappuntaw oħrajn, u (3) fit-tielet lok peress illi t-talba fil-mertu tal-kawża hija biss dik illi l-Qorti tawtorizza korrezzjoni fil-formoli sottomessi lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Tqis qabel xejn illi l-Artikolu 960 tal-KAP 12 illi a bażi tiegħu qed isir it-talba tgħid espressament hekk:

> *Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha.*

Minn qari akkurat ta' dan il-provvediment għalhekk, sabiex il-Qorti tkun sodisfatta illi talba għandha tiġi milqugħa, irid jintwera l-interess tat-terz rikorrenti fil-proċeduri pendenti bejn haddieħor. Mill-bqija, jekk it-talba tiltaqa', dan ikun mdaħħal bħala parti fil-kawża *in statu et terminis* u l-proċeduri ma jieqfux.

Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 1251/94MCH fl-ismijiet **Paul FIORENTINO et vs David JONES et** tal-5 ta' Ottubru 2018, fejn intqal appuntu hekk:

*Illi l-Qorti tagħraf li l-istitut tal-intervent fil-kawża jinbena fuq il-ħtieġa tal-ħeffa u t-tneħħija ta' multipliċita' ta' sentenzi, fejn irid jintwera li fi kwestjoni ġudizzjarja bejn żewġ partijiet jew aktar, terza persuna turi li għandha interess sostanzjali u mhux derivattiv biex titħalla tieħu sehem, biex tistabilixxi bil-meżżi kollha legali u leċiti ċerti fatti u jeddijiet li jkollha f'dak l-interess. Għalhekk, dak l-intervent jista' jseħħ mhux biss fl-interess ta' xi parti waħda (ad adiuvandum) jew oħra fil-kawża, iżda saħansitra kontra l-interess ta' kull waħda minnhom (ad excludendum). Dan huwa wieħed mill-aspetti fejn l-intervent volontarju jikkuntrasta mal-intervent koatt (is-sejħa fil-kawża) fejn il-parti hekk imsejħa tkun għall-finijiet parti sħiħa fil-kawża bħallikieku mħarrka mill-parti attriċi sa mill-bidu. Dan juri wkoll għaliex l-ispirtu wara l-intervent volontarju fil-kawża huwa dak li l-Qorti tkun tista' ssib is-sewwa kollu dwar il-jedd kontestat fil-kawża mressqa quddiemha;*

…………..

*Illi dan kollu jfisser li parti li tidħol f'kawża minn jeddha dwar interess li jolqot il-mertu tal-każ, hija mogħtija mil-liġi s-setgħat kollha mogħtija lil kull parti oħra f'dik il-kawża, imbasta b'daqshekk ma jkunx hemm waqfien fil-kawża. Dan jingħad minkejja li l-parti intervenuta minn jeddha ma tistax qatt tkun kundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża jew din tinqata' kontra l-interess li wriet li kellha fil-kwestjoni u kif ukoll lanqas tista' "tirbaħ" l-ispejjez f'każ ta' eżitu favorevoli għal dak l-interess;*

Magħruf għalhekk dan l-insenjament u applikat għall-fatti illi għandha quddiemha din il-Qorti fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi l-interess tar-rikorrenti Charles Zammit u Clint Abela huwa ċertament dirett u sostanzjali peress illi huma direttament milquta mhux biss minn dak li sar imma anke minn dak li qed jiġi mitlub. Fuq kollox il-Qorti dejjem trid illi ssib is-sewwa kollu dwar il-jedd anke pretiż fil-kawża mressqa

quddiemha, u in kwantu il-mertu tal-kawża, minkejja dak eċċepit mis-soċjetajiet rikorrenti, il-Qorti mhix ser tesprimi ruħha hawnhekk u tagħmel dan biss fid-determinazzjoni tar-rikors promotur.

Huwa għalhekk illi anke din it-tielet raġuni għaliex it-talba għall-intervent fil-kawża għandha tiġi miċħuda ser tiġi riġettata.

**GĦALDAQSTANT**, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi hija sodisfatta mill-interess illi għandhom Clint Abela u Charles Zammit f'dawn l-odjerni proċeduri, u konsegwentament tilqa' t-talba tagħhom sabiex huma jintervjenu *in statu et terminis* f'dawn l-odjerni proċeduri, tawtorizzhom jressqu provi u jagħmlu kontro-eżamijiet u jressqu sottomissjonijiet, kollox a spejjeż tagħhom.

**Diġriet mogħti in camera llum l-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2025.**

**Ian Spiteri Bailey LL.M. LL.D.**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**